MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 294/2008

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu;**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici pprezentat fit-8 ta’ Lulju 2008 li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti kkontrattaw zwieg gewwa l-Knisja Parrokjali ta' San Giljan, San Giljan, fil-22 ta' Frar, 1980;

2. Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba mohqrija ingurji gravi, u nuqqas ta' kompatibilita' ta' karattru, oltre' ragunijiet ohra li jaghtu

lok ghal talba ghal separazzjoni personali a mensa et thoro;

3. Illi miz-zwieg ta' bejn il-kontendenti twieldu tlett wlied, tnejn minnhom gja maggorenni u z-zghira Kerstin ser talaq tmintax-il sena dan ix-xahar stess;

4. Illi l-esponenti gie debitament awtorizzat jipprezenta din il-kawza permezz ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti in segwitu ghal diversi laqghat ta' medjazzjoni li saru u li ma tawx ezitu favorevoli.

In vista tal-premess, jghid il-konvenut ghar-ragunijet premessi u dawk li ghandhom jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

(a) tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli lill-intimat u ghall-finijiet tal- Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili (Kap.XVI) tistabbilixxi d-data meta l-istess intimat ghandu jigi kkunsidrat li minnha kien hati tal-firda.

(b) tawtorizza lir-rikorrenti tghix separatament minn ma' zewgha l-intimat.

(c) tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti martu dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skont il-mezzi tal-intimat u l-bzonnijiet ta' l-istess rikorrenti, pagabbli mill-intimat lill-istess rikorrenti martu fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex ir-rikorrenti tkun finanzjarjament indipendenti mill-intimat jew anqas dipendenti mill-intimat.

(d) tapplika kontra l-intimat nterament jew in parti d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 48,51,53 sa 55A tal-Kodici Civili, Kap XVI.

(e) tikkundanna lill-intimat jikkonsenja lir-rikorrenti l-beni kollha parafernali taghha u separatament tordna illi r-rikorrenti tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha u tillikwida l-pretensjonijiet parafernali u partikolari ta tar-rikorrenti kontra 1- komunjoni ta' l-akkwisti.

(f) tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il- kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti il-komunjoni ta' l-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti in vista, inter alia, tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess intimat ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-istess intimat billi, okkorrendo ghal finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

(g) tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossia tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti.

(h) tiddikjara u tiddeciedi illi d-dar konjugali u cioe' St. Francis, St. Michael Street, St. Julians, tkun a disposizzjoni unika tar-rikorrenti u ta' uliedha biex fiha tirrisjedi hi u wliedha u dan ad eskluzjoni ta' zewgha l-intimat.

Bl-ispejjez komprizi dawk inkorsi fil-proceduri ta' medjazzjoni, kontra l-intimat illi minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut[1] li permezz taghha eccepixxa:

---

[1] Fol. 17

1. Illi ghalkemm huwa minnu li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser b'mod irrimedjabbli u hemm lok ghal separazzjoni personali bejniethom, dan pero' gara biss minhabba tortijiet u htijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-attrici. Di fatti l-eccipjent qieghed jipprevalixxi ruhu mid-dritt lilu moghti tal-Kontro-Talba sabiex jirribadixxi dan kollu. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess attrici.

2. Salvi, jekk ikun il-kaz, risposti jew eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut[2] li permezz taghha ippremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti zzewgu fit-22 ta' Frar 1980 (ara certifikat taz-zwieg anness bhala Dok. A).

2. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhom tliet (3) ulied, it-tlieta maggorenni.

3. Illi l-attrici rikonvenzjonata rrendiet il-hajja matrimonjali ta' bejn il- kontendenti impossibbli, permezz ta' sevizzi, mohqrija, theddid u offizi gravi da parti taghha fil-konfront tal-istess konvenut rikonvenzjonant, u kif ukoll iz-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment b'tort uniku tal-istess attrici rikonvenzjonata;

Raguni tat- Talba

1. Illi l-kontendenti gew debitament awtorizzati biex jipprocedu bl-istanti permezz ta' Digriet moghti nhar is-27 ta' Gunju 2008 (Ara Dok. B);

Tghid ghalhekk l-istess attrici rikonvenzjonata il-ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti, prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija li:

---

[2] Fol. 20

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-attrici rikonvenzjonata kif fuq spjegat u tawtorizza lill-konvenut rikonvenzjonant jghix separatament minn ma' l-attrici.

2. Tiddikjara li l-attrici rikonvenzjonata iddekadiet minn kwalsiasi dritt li titlob jew tippercepixxi manteniment minghand il-konvenut zewgha rikonvenzjonant, mentri hu jibqaghlu d-dritt li jesigi minghandha l-hlas ta' manteniment ghalih.

3. Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jkun pagabbli mill-attrici rikonvenzjonata lill-konvenut zewgha rikonvenzjonant ghalih, filwaqt li tordna u tikkundanna lill-istess attrici rikonvenzjonata sabiex thallas lill-konvenut rikonvenzjonant dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh taghha mill-impjieg jew xoghol li hija ghandha/jista' jkollha jew bi standing order u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fil-gholi tal-hajja.

4. Tapplika kontra l-attrici rikonvenzjonata l-effetti in toto jew in parte tal-artikoli 48 sa 52 tal-Kap, 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza l-komminazzjoni li tilfet kull dritt li tiret mill-konvenut.

5. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl li l-attrici rikonvenzjonata hija unikament hatja ghas-separazzjoni personali u tassenja porzjon lill-konvenut rikonvenzjonant u porzjon lill-attrici ope sententiam. Filwaqt li tinnomina nutar sabiex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

6. Tikkundanna lill-attrici rikonvenzjonata sabiex tirrestitwixxi lill-konvenut rikonvenzjonant il-beni kollha dotali u/jew parafernali tieghu li jirrizultaw waqt it-

trattazzjoni tal-kawza, u dana fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilha prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-attrici taghmel dan, tikkundannaha thallas lill-konvenut rikonvenzjonant dik is-somma li ghandha tigi likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-bent dotali u/jew parafernali sudetti.

7. Tordna li l-konvenut rikonvenzjonant jibqa' jabita fid-dar konjugali 'St. Francis', Triq San Mikiel, San Giljan, ad eskluzjoni ta' l-attrici rikonvenzjonata u taghti kull provvediment xieraq u opportun fic-cirkostanzi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri kollha quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) u tal-Medjazzjoni precedenti ghal dan ir-rikors, kontra l-attrici rikonvenzjonata li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-attrici ghat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut[3] li permezz taghha eccepixxa:

Illi d-domandi kontenuti fil-kontro-talba huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra C B stante illi kif gja ddikjarat fir-Rikors Guramentat ta' l-attrici rikonvenzjonata, z-zwieg ta' bejn il-kontendenti thassar minhabba ragunijiet imputabbli esklussivament lil zewgha C B.

Rat il-listi tax-xhieda tal-partijiet u n-noti ta’ dokumenti rispettivi.

Rat id-digriet taghha tat-3 ta’ Dicembru 2008 li permezz tieghu innominat lill-Avukat Dottor Anna Mallia bhala perit legali,.

Rat in-noti ta’ osservazzjonijiet ipprezentati mill-partijiet qabel ma l-perit legali irredigiet ir-rapport.[4]

---

[3] Fol. 28
[4] Fol. 281 u Fol. 289

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukat Dottor Anna Mailliaipprezentat fil-11 ta' Gunju 2012.

Rat in-noti ta' kritika u sottomissjonijiet tal-partijiet.[5]

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

**Talba attrici u talba rikonvenzjonali ghal separazzjoni personali**.

Fir-rikors guramentat taghha l-attrici tallega li ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet kien jahti unikament il-konvenut minhabba:-

"mohqrija, ingurji gravi, u nuqqas ta' kompatibilita' ta' karattru, oltre' ragunijiet ohra li jaghtu lok ghal talba ghal separazzjoni personali a mensa et thoro;"

Fil-kontro-talba tieghu l-konvenut jallega li ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejniethom kienet tahti unikament l-attrici rikonvenzjonata minhabba:-

"sevizzi, mohqrija, theddid u offizi gravi da parti taghha fil-konfront tal-istess konvenut rikonvenzjonant, u kif ukoll iz-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment b'tort uniku tal-istess attrici rikonvenzjonata; "

Necessarju ghalhekk jigu ezaminati l-provi mressqa mill-partijiet fir-rigward tal-agir taghom matul is-snin sew fil-konfront ta' xulxin kif ukoll fil-konfront tal-membri tal-familja taghhom.  Fir-rapport peritali taghha l-abbli Perit Legali ghamlet rassenja dettaljata tal-provi imressqa mill-partijiet quddiem l-istess Perit Legali u ghalhekk din il-Qorti qed taghmel ampja referenza ghaliha.[6]

[5] Fol. 613 u Fol. 620
[6] Fol. 571

Qabel pero’ ma’ jigu ezaminati l-addebiti reciproki tal-partijiet huwa opportun li ssir referenza ghall-principji generali tad-dritt li jirregolaw kawzi dwar separazzjoni personali.

(1) “Il-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti ta’ importanza minuri” (“**Caterina Agius vs Benedict Agius**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 13 ta’ Gunju 1967).

(2) “La prova consentita dall-articolo 577 del Codice di Procedura Civile (illum Artikolu 565 tal-Kap.12) e’ di accogliersi colla medesima cautela e circospezione, dipendendo la sua afficacia principalmente dalle deduzioni che una sana critica, tenuto conto dell'interesse manifesto del deponente, puo` inferire dalla verosimiglianza del racconto, della corroborazione di quella prova e sopra tutto dal confronto della deposizione di ciascuno dei contendenti; ma e` pur vero che in casi simili alla fattispecie i fatti su cui puo` raggirarsi la deposizione del coniuge instante per la separazzione personale dall'altro coniuge, si svolgono generalmente entro il segreto delle pareti domistiche ..." ("**Giovanna Rosa Farrguia -vs- Salvatore Farrugia**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 7 ta’ Marzu 1919).

(3) “Il-Qorti trid necessarjament tkun gwidata mill-provi prodotti quddiemha u taghtihom dak il-piz li hu normalment mistenni f’sitwazzjonijiet ta’ din in-natura. Apprezzament dan oggettiv u fattwali, mizurat mic-cirkostanzi tal-kaz partikolari” (“**Marthese Vella proprio et nomine vs George Vella**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 28 ta’ Frar 2003)

**Responsabbilta’ ghat-tkissir taz-Zwieg**.

**Artikolu 40 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi illi:-

***"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment"***

Il-gurisprudenza nostrana tipprovdi diversi decizzjonijiet li huma ta' gwida fil-konsiderazzjoni tar-responsabbilita' ghat-tkissir taz-zwieg kif kontemplat fl-artikolu appena citat.

Inghad illi biex il-Qorti taccetta l-allegazzjoni ta' ingurji gravi, eccessi, mohqrija u theddid jew xi wahda minnhom, "…trid tara li dawn ikunu tali li jirrivestu l-azzjoni proposta u min jaghmilhom hu hati taghhom.  Il-kwistjoni hi wahda ta' fatt imhollija fil-valutazzjoni ta' min irid jiggudika, izda meta jirrizultaw, ghandhom indubbjament jifformaw motiv ta' separazzjoni in kwantu jirrendu l-konvivenza komuni difficli" – ("**Sylvana Stringer proprio et nomine vs. Jeremy Stringer**", Prim' Awla, Qorti Civili, 28 ta' Frar 2003)

Kif jinsab osservat "l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom.  Fil-hsieb konsiderat tal-Qorti, certament l-ingurja lancjata mill-konvenut lill-attrici li hija ghandha wicc bniedem iehor …..jikkostitwixxi ngurji ta' certa' gravita' li jweggha l-qalb u jirrendi l-konvivenza komuni difficli" – "**Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**", Prim' Awla, Qorti Civili, 30 ta' Gunju  1961;

"……..perche il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole non e' necessario che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie e le ingiurie gravi ma qualunque di tale cause da sola basta, perche' sia tale da violare profondamenti i riguardi della convivenza coniugale."  ("**Elisa Thompson vs Edward Thompson",** Prim' Awla, Qorti Civili, 12 ta' Mejju 1925).

"……..il-parti li tallega ghandha wkoll l-obbligu u l-oneru tal-prova u l-prova trid tkun tali li tikkonvinci lill-Qorti moralment li l-allegazzjoni hekk vantat tirrizulta mill-atti tal-kawza ("**Lea Tabone pro et noe vs Jesmond Tabone",** Prim' Awla, Qorti Civili, 2 ta' Ottubru 2003).
Gie wkoll ritenut illi sabiex agir jikkwalifika bhala ingurji gravi li jintitolaw konjugi jitlob is-separazzjoni jehtieg illi 'joffendu l-persuna li kontra taghha huma diretti b'mod li jiggeneraw fiha furur, ezaverbazzjoni u avverzjoni profonda kontra l-konjugi li jkun hati taghhom (Vol. XXXI.P.1.200; Vol XXVI P1 p.246).

Ikkonsidrat;

**Mohqrija.**

Il-kaz klassiku ta' mohqrija fl-ambitu ta' separazzjoni personali kif kontemplat fl-Artikolu 40 tal-Kap.16 huwa agir fizikament vjolenti. Li tahqar lill-konjugi permezz ta' aggressjoni vjolenti.
Fix-xhieda taghha l-attrici spjegat illi l-argumenti u problemi bejniethom kienu ilhom ghaddejjin mis-sena 1993, cioe' tlettax-il sena wara li l-partijiet izzewgu u hmistax-il sena qabel giet intavolata l-kawza odjerna. Tghid ukoll illi sas-sena 2004 hija kienet tissaporti sabiex il-familja ma titfarrakx izda mbaghad tallega li l-konvenut refa' idejh fuqha. Tirrakkonta episodju fejn hija giet aggredita vjolentement minn zewgha quddiem binthom minuri li kif rat x'kien qed jigri harget barra fit-triq bin-*nightdress* li kienet libsa. Il-konvenut jichad li qatt refa' idejh fuq l-attrici. Bint l-attrici ma xheditx f'dawn il-proceduri, ghalkemm jidher li intalbet mill-attrici biex tixhed. Iz-zewg subien ulied il-partijiet xehdu b'affidavit prezentat mill-attrici. Ghalkemm Dieter B fl-affidavit tieghu xhed illi missieru kien jerfa' idejh fuq ommu, in kontro-ezami qal li ghalkemm waqt l-argumenti li kien ikollhom iz-zewg partijiet kienu jibdew ikellmu hazin lil xulxin, pero' hu qatt ma ra lill-missieru jerfa' jdejh fuq ommu, u lanqas vice-versa.
Mill-kumpless tal-provi prodotti, ix-xhieda tal-attrici f'dan ir-rigward ma giet bl-ebda mod korroborata, la direttament u lanqas indirettament, la b'xhieda okulari u lanqas b'indizji

ohra. Ma jirrizultax li l-konvenut kellu xi karattru li jkun fizikament vjolenti. Fil-fatt iz-zewg ulied li gew prodotti mill-attrici bhala xhieda kkonfermaw li missierhom qatt ma refa' idejh fuqhom, anke meta kienu ghadhom zghar.
L-allegazzjoni tal-attrici li zewga kien jerfa' idejh fuqha ma gietx ippruvata sal-grad li trid il-ligi.

**Adulterju**.

**Artikolu 38 tal-Kap. 16** jipprovdi illi:-
***"Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-ohra."***

Huwa xi ftit jew wisq inspjegabbli kif il-konvenut, filwaqt li fil-kontro talba tieghu ma jakkuzax lill-attrici rikonvenzjonata b'adulterju, pero' tul il-kawza jakkuzaha b'dan l-agir. Fil-fatt anke fin-nota ta' kritika tieghu ipprezentata fl-istadju finali tal-kawza jiddedika pagna u nofs f'dan ir-rigward u jikritika lill-Perit Legali illi ma sabitx lill-attrici hatja ta' adulterju.
Il-provi li l-konvenut ressaq fir-rigward jirreferu ghall-inkontri li l-attrici kien ikollha mal-kugin taghha fil-hin qabel ma tmur ghax-xoghol tant li kienet tohrog kmieni mid-dar proprju ghal dan il-ghan. L-attrici spjegat dan il-komportament taghha billi qalet li kienet titlob pariri minghand il-kugin taghha. Il-konvenut kien anke jsegwihom u minn dak li kkonstata jirrizulta li dawn l-inkontri kienu jibdew u jispiccaw fil-karrozza tal-kugin imsemmi u fi tmiem taghhom l-attrici tidhol ghax-xoghol. Il-karrozza kienet tkun f'post ifrekwentat mill-pubbliku u mhux f'xi post izolat.
Il-konvenut jirreferi wkoll ghal xi episodju izolat fejn xi kollega tax-xoghol tal-attrici jwassalha fil-vicinanzi tad-dar. Konsidrat il-klima teza ta' bejn il-partijiet, dan il-mod ta' komportament tal-attrici xejn ma kien konducenti ghas-salvazzjoni taz-zwieg ta' bejn il-partijiet. Huwa komportament li l-attrici irrepetiet kemm-il darba nonostante li kienet rinfaccjata bil-protesti ta' zewgha l-konvenut. Pero' tali komportament wahdu ma jistax jigi kkonsidrat bhala prova ta' adulterju.

**Ingurji gravi**.

Il-fatt pero' li l-konvenut akkuza minghajr success lill-attrici illi hija kkomettiet adulterju minghajr ma rnexxielu jressaq provi sodisfacenti fir-rigward, tali akkuzi mhux sostanzjati jammontaw ghal ingurji gravi fihom infushom.

Inghad illi "…..meta l-konvenut nizel fil-kamp biex jikkuntrasta l-azzjoni ta' martu b'akkuzi konsimili, (ta' adulterju) dawn l-istess akkuzi wehidhom, meta ma jigux provati minnu, jikkostitwixxu ingurja gravi hafna fil-konfront ta' martu", ("**Sylvana Stringer pro et noe vs Jeremy Stringer**", Prima' Awla, Qorti Civili – 28 ta' Frar 2003).[7]

Fl-istess hin il-komportament tal-attrici, ghalkemm kif gia osservat ma jirrizultax mill-provi akkwiziti li jikkostitwixxi agir adulteru; jikkostitwixxi, fil-fehma tal-Qorti, ingurja gravi da parti tal-attrici fil-konfront tal-konvenut zewgha. Rinfaccjata bl-oggezzjonijiet tal-konvenut illi prima facie kienu gustifikati, l-attrici kompliet bl-inkontri spissi mal-kugin taghha. Dawn l-inkontri spissi huma ammessi mill-attrici izda filwaqt li tichad li kellhom xi ghan adulteru, tghid li l-iskop taghhom kien li tiehu pariri minghand il-kugin taghha rigwardani materja finanzjarja.

Filwaqt li f'cirkostanzi normali m'hemm xejn oggezzjonabbli li mara mizzewga tiltaqa' mal-kugin taghha biex tiehu pariri, li tali inkontri isiru fis-sieghat bikrin ta' filghodu fl-isfond tal-oggezzjonijiet tal-konvenut, jammonta ghall-komportament ingurjuz gravament.

**Litigji kontinwi ammontanti ghal eccessi u ingurji gravi.**

Il-litigji kontinwi bejn il-partijiet anke fil-presenza tal-ulied minuri rigwardanti l-aspett finanzjarju tal-komunjoni tal-partijiet huma ingurjuzi gravament ghaliex jispikka fiz-zewg partijiet l-intenzjoni li tferi lill-parti l-ohra u kienu l-mezz li, sfortunament ghalihom u aktar ghal uliedhom, il-

[7] Ara wkoll: "**Felicita Borg vs. Gio Antonio Borg**" (PA – 20.01.1883; "**Antonio Busuttil vs. Filomena Busuttil**" (PA – 30.04.1966; u "**Dr Victor Randon vs. Josephine Randon**" – Appell Civili – 19.11.1976).

partijiet fittwew biex jippruvaw li tghaddi taghhom. Ghalkemm il-partijiet kellhom ir-regim tal-komunjoni tal-akkwisti li jirregola l-aspett patrimonjali taz-zwieg taghhom, jidher li fil-menti rispettiv taghhom baqghu jahsbu qishom persuni indipendenti u mhux mizzewga.

Kull wiehed u wahda mill-partijiet kienu jhossu li l-parti l-ohra qed tapprofitta ruhha u ghalhekk kien hemm ritaljazzjoni miz-zewg nahat fl-isfond ta’ zvog ta’ rabja intensa reciproka.
Ghalkemm il-kawza odjerna giet intavolata fis-sena 2008, jirrizulta illi kif tajjeb osservat il-Perit Legali, il-partijiet kienu ilhom li ghamlu l-hsieb li jipprocedu kontra xulxin ghas-separazzjoni tant li t-tnejn li huma kien ilhom is-snin izommu djarju u jnizzlu fih dettalji tal-incidenti u l-episodji li eventwalment xhedu dwarhom fit-tul.

L-aspett l-aktar li jispikka fir-relazzjoni ta’ bejn il-partijiet huwa in-nuqqas ta’ komunikazzjoni civili ta’ bejniethom f’piki kontinwi dwar ta’ min ser tghaddi. L-ulied kienu xhieda involontarja ta’ episodji kontinwi ta’ skambji verbali agressivi, provokativi u denigranti. Dan l-agir da parti taz-zewg partijiet jikkostitwixxi eccessi u ingurji gravi. Aagir intiz sabiex iferi dak li hu maghruf bhala “self esteem” tal-persuna. It-tghajjir denigranti huwa gia’ gravi meta kommess f’okkazzjonijiet izolati, *multo magis* meta jikkonsisti f’agir sistematiku u kostanti fil-presenza ta’ ulied minuri kif gara fil-kaz odjern. Kull parti f’din il-kawza titfa’ l-htija fuq il-parti l-ohra.

Il-Qorti tikkondividi l-opinjoni espressa mill-Perit Legali, illi ghat-tkissir taz-zwieg kienu jahtu iz-zewg partijiet minhabba ingurji gravi u eccessi reciproci.

**Komunjoni tal-Akkwisti**.

Il-kontestazzjoni principali ta’ bejn il-partijiet referibbli ghall-aspett patrimonjali tal-vertenza tirreferi ghad-dar matrimonjali. Id-dar matrimonjali inxtrat matul iz-zwieg tal-partijiet. L-attrici tikkontendi li din ghandha tinbiegh u r-rikavat jinqasam bejniethom filwaqt li l-konvenut jsostni li ghalkemm id-dar inxtrat fiz-zwieg, il-prezz ghall-akkwist

taghha inxtara bi flus li huwa wiret u li kien hu li hallas id-dejn li kienu ghamlu billi uza flus mid-dhul li kellu mix-xoghol tieghu. L-attrici tikkontesta l-pretensjoni tal-konvenut li parti mill-prezz ghall-akkwist tad-dar thallas minn sorsi parafernali tieghu. Hija ssostni illi l-prezz tal-akkwist thallas in kwantu ghal elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2,500) mir-rikavat tal-bejgh tad-dar l-ohra li kellhom u in kwantu ghall-kumplament gew mislufa.

Il-konvenut jaghmel l-argument ibbazat fuq il-pretensjoni tieghu li jekk jirrizulta li l-attrici kienet unikament tahti ghat-tkissir taz-zwieg, allura hija titlef kull dritt li tippartecipa mid-dhul tal-konvenut mid-data tal-htija ‘il quddiem, bil-konsegwenza li jekk id-dar tinbiegh allura huwa ghandu l-ewwel jiehu dak kollu li thallas fi hlas ghas-self mid-dhul rizultat tal-hidma esklussiva tieghu, qabel ma’ l-bilanc jinqasam bejn il-partijiet.

**Sanzjonijiet b’konsegwenza tal-htija**.

Il-pretensjoni tal-konvenut trid tigi ezaminata fid-dawl tat-talbiet li ghamlu l-partijiet ghall-imposizzjoni ta’ sanzjonijiet u penalitajiet b’konsegwenza tal-htija ghat-tkissir taz-zwieg.

Fir-raba’ talba taghha l-attrici qed titlob li l-Qorti tapplika kontra l-konvenut, interament jew in parti, d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, 51, 53 u 55A tal-Kap.16.

Fl-istess hin il-konvenut fil-kontro-talba tieghu qed jitlob li l-Qorti tapplika kontra l-attrici rikonvenzjonata l-effetti in toto jew in parte tal-artikoli 48 sa 52 tal-Kap. 16 inkluza l-komminazzjoni li titlef kull dritt li tiret mill-konvenut.

Issir referenza ghalhekk ghas-segwenti artikoli tal-Kap.16 invokati miz-zewg partijiet regolanti dan l-aspett tal-vertenza.

**Artikoli 48, 51, 52, u 53 tal-Kap.16**.

***48. (1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –***

***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;***
***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***
***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;***
***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.***
***(2) Il-ħwejjeġ imsemmijin fis-subartikolu (1)(b) jerġgħu jmorru għand il-parti l-oħra, u l-akkwisti msemmijin fil-paragrafu (ċ) ta' dak is-subartikolu jibqgħu kollha għal din il-parti, bla ħsara tal-jeddijiet li l-ulied jew terzi persuni oħra jkunu kisbu fuq dawk l-istess ħwejjeġ qabel mas-sentenza tal-firda tkun ġiet imniżżla fir-Reġistru Pubbliku.***

***51. Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu.***

***52. Hu mħolli wkoll f'idejn il-qorti li tiddeċidi, skont iċċirkostanzi, jekk id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 għandhomx igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għal wieħed jew għall-oħra biss, inkella, m'għandhomx igħoddu għal ħadd minnhom, jekk il-wieħed u l-oħra jkunu ħtija ta' egħmil li jagħti lok għall-firda.***

***53. Il-parti li tkun qalgħat il-firda, iżżomm kull jedd jew vantaġġ li tkun kisbet mill-parti l-oħra, għad illi dak il-jedd jew vantaġġ ikun ġie mogħti lilha taħt il-patt ta' għoti ta' jedd jew ta' vantaġġ ieħor lill-parti l-oħra, u dan il-patt ma jseħħx***.

Fil-fehma konsiderata tal-Qorti, ir-responsabbiltajiet reciproki tal-partijiet fit-tkissir taz-zwieg taghhom iwassalha ghall-konkluzzjoni li tuza d-diskrezzjoni taghha u tiddeciedi li ma tapplikax is-sanzjonijiet kontemplati fl-artikoli appena citati ghar-raguni illi z-zewg partijiet huma hatja ta' eghmil li ta lok ghall-firda ta' bejniethom u dan kif kontemplat fl-artikolu 52 fuq citat.

Kif gie ritenut: "Meta l-htija ghas-separazzjoni tkun taz-zewg partijiet il-Qorti ghandha diskrezzjoni, skont l-istess artiklu 52 tal-Kodici Civili, jekk, skont ic-cirkostanzi, ghandhiex tapplika jew le id-dispozizzjonijiet ta`l-artiklu 48 ta` l-istess Kodici Civili. Effettivament il-parti minn dan l-artiklu li giet ikkwotata mill-appellant hija preceduta bil-frazi "jekk id-dizpozizzjonijiet f`dan l-artiklu 48 ghandhom jghoddu, f`kollox jew f`bicca, ghar-ragel u ghal mara, jew ghal wiehed jew ghal ohra biss, inkella, …." Din id-diskrezzjoni moghtija lill-Qorti f`dan l-artiklu in aggunta mad-diskrezzjoni l-ohra moghtija fl-artiklu 51 ta` l-istess kodici huma provvedimenti saggi tal-ligi. Jispetta lill-Qorti, skont ic-cirkostanzi ta` kull kaz, li tasal ghal konkluzjoni li tapplika, tapplika in parti jew ma tapplikax, id-dispozizzjonijiet ta` l-artiklu 48 meta r-raguni ghas-separazzjoni tkun dik imsemmija fl-artiklu 40 ta` l-istess Kodici Civili, anke fejn il-htija tal-firda tkun taz-zewg partijiet." ("**Nathalie Ciappara pro et noe vs. Frank Ciappara**", Appell Civili – 31 ta' Mejju 2002)

**Residenza *vita durante***.

Il-konvenut jitlob ukoll illi l-Qorti ma tordnax il-bejgh tad-dar matrimonjali minhabba l-kondizzjoni medika tieghu. Huwa qed jippretendi li jibqa' jabita fid-dar matrimonjali *vita durante* anke wara li tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali tal-partijiet.

Ressaq bhala xhud lill-Professur Fredeick Zammit Maempel illi ccertifika li l-konvenut ibati minn artrite akuta fiz-zewg hips u li l-konvenut qed jistenna li ssirlu operazzjoni imsejha ‘hip replacement’. Saret ukoll referenza ghall-gurisprudenza kif temani mis-sentenzi “**Maria Rosaria Micallef vs. Alfred Micallef**” (Appell Civili – 18 ta’ Gunju 2007) u “**Mario Montesin vs Maria Carmela Montesin**” (Prim’ Awla – 30 ta’ Ottubru 2007).

Fil-fehma tal-Qorti pero’ tali gurisprudenza kienet tkun rilevanti kieku l-Qorti sabet li xi hadd biss mill-partijiet kien unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg u mhux bhal fil-kaz prezenti fejn iz-zewg partijiet instabu li jahtu ghat-tkissir taz-zwieg taghhom.

Fl-isfond ta’ dawn il-motivi il-Qorti qed tiddeciedi illi id-dar matrimonjali ghandha tinbiegh.

**Beni Parafernali u Krediti Parafernali**.

Il-konvenut jallega li ghandu kreditu ta’ sebgha u erbghin elf, mitejn u sebgha u sittin ewro (Euro.47,267) ekwivalenti ghal circa ghoxrien elf, mitejn u tnejn u disghin liri Maltin (Lm20,292).[8] Jghid li dawn kien dahhalhom meta inbieghu proprjetajiet li kien wiret minghand missieru flimkien ma’ hutu. Ezebixxa lista tal-flus li wiret u l-kuntratti ta’ bejgh li irrefera ghalihom fl-affidavit tieghu.

Xehed ukoll il-konvenut illi meta inxtrat id-dar matrimonjali prezenti huwa kien hallas hamest elef lira Maltin (Lm5,000) mir-rikavat tal-wirt ta’ missieru u l-kumplament ittiehdu b’self minghand il-Lohombus Corporation.

Jirrizulta illi d-dar inxtrat ghall-prezz ta’ hdax-il elf u hames mitt lira Maltin (Lm11,500).

[8] Fol. 79 – Affidavit tal-konvenut.

Jghid ukoll illi l-flus mill-wirt uzhom biex jabbellixxi d-dar matrimonjali fosthom kcina, aperturi, kamra tas-sodda, kamra tal-ikel u mobbli ohra, u madum tal-kamra tal-banju.

L-attrici tinnega li l-konvenut hallas parti mill-prezz tal-akkwist tad-dar matrimonjali mill-flus li l-konvenut wiret ghaliex skont hi dak iz-zmien kellhom flus bizzejjed u ma kellhomx bzonn li jiehdu mill-flus li l-konvenut wiret. Tghid li l-ebda prova konkreta ma ngabet mill-konvenut li l-flus derivanti mill-wirt ta' missier il-konvenut intefqu biex thallas parti mill-prezz tal-akkwist tad-dar.

Huwa principju sancit fil-Kapitolu 12 illi l-oneru tal-prova jinkombi fuq min jallega. Min jallega huwa wkoll ritenut li jressaq l-ahjar prova sabiex il-parti l-ohra tkun f'posizzjoni li tiehu linja difensjonali ta' kuntrast.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, jirrizulta li l-konvenut irnexxielu jipprova illi fuq medda ta' snin huwa wiret somom ta' flus derivanti minn bejgh ta' proprjeta' appartenenti lill-missieru. Dawn il-flejjes ammontaw ghal ghoxrien elf, mija u tlieta u sebghin liri Maltin (Lm20,173). Il-konvenut xehed illi dawn nefaqhom f'akkwisti kemm ta' immobbli kif ukoll ta' mmobbli li jappartjenu l-komunjoni tal-akkwisti u li ghalhekk qed jitlob illi fil-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti huwa ghandu qabel xejn jigi moghti dawn il-flus parafernali.

Il-Perit Legali fir-rapport taghha taht l-intestatura "Parafernali konvenut" ikkonkludiet hekk:

"Il-konvenut jghid li Lm1,495 milli wiret nefaqhom f'mobbli u gojjelli elenkati fis-sezzjoni "mobbli" hawn taht u ghalhekk hija l-fehma tal-perit lgali li l-bilanc mis-somma ta' Lm20,173 u cioe' s-somma ta' Lm18,678 u cioe' Euro.41,651.94 ghandha tithallas lir-ragel."[9]

Il-konvenut xehed specifikatament dwar l-aspett patrimonjali tal-vertenza permezz ta' affidavit li

---
[9] Fol. 594

pprezenta.[10] F'dan l-affidavit il-konvenut jiddikjara li ghandu kreditu ta' Euro.47,267.65 (originarjament Lm20,292) ghaliex isostni li dan huwa t-total ta' flus li huwa irceva mill-wirt ta' missieru li nefaq fl-interess tal-komunjoni.

Jghid hekk: "Dawn il-flus kollha uzajthom jien biex xtrajna u komplejt inhallas u niffinixxja d-dar. Meta xtrajna d-dar jiena hallast Lm5,000 minn dawn il-flus u d-dar b'kollox kienet tiswa Lm11,500. …….Apparti minn hekk dawn il-flus intuzaw ukoll biex jiena ghamilt il-kcina tad-dar, l-aperturi kollha tad-dar, aluminium kollu tad-dar, il-bedroom xtrajtha wkoll jien minn dawn il-wirt kif ukoll id-dining room u mobbli ohra. Apparti minn hekk jiena hadt hsieb ukoll zebgha ta' kullimkien u madum tal-kamra tal-banju t' isfel. Kulma xtrat il-mara kienu il-microwave, il-photocopier u l-kutri u l-kamra tas-sodda tat-tifla z-zghira izda dwar il-kamra tas-sodda u l-kutri jien kont hallastha nofs l-ammont".

Il-provvediment legali li jirregola tali pretensjoni huwa l-**artikolu 1331 tal-Kap.12** intitolat "**Hlasijiet u radd lura ta' flus**" jipprovdi illi:-

***"(1) Kull waħda mill-partijiet fiż-żwieġ għandha tagħti lura lill-komunjoni tal-akkwisti kull somma ta' flus jew il-valur ta' kull oġġett li parti tista' tkun ħadet mill-akkwisti biex tħallas djun li ma jaqgħux taħt id-disposizzjonijiet tal-artikolu 1327, kemm-il darba ma turix li l-att kien wieħed vantaġġuż għall-komunjoni jew ikun sar biex jinqdew il-ħtiġiet tal-familja.***

***(2) Kull waħda mill-partijiet fiż-żwieġ għandha jedd li titħallas lura kull somma ta' flus jew il-valur ta' kull oġġett li jkunu ttieħdu mill-beni parafernali tagħha meta dawk il-flus ikunu ntefqu jew dak l-oġġett ikun intuża dwar dejn jew investiment tal-komunjoni tal-akkwisti.***

---

[10] Fol. 79

***(3) Parti fiż-żwieġ li tkun kreditur tal-komunjoni tal-akkwisti tista' titlob li tingħata beni tal-komunjoni sal-valur tal-kreditu tagħha. Il-ħlas lura mill-beni tal-komunjoni tal-akkwisti jsir l-ewwel billi jingħataw flus, imbagħad mobbli u fl-aħħarnett immobbli.***

***(4) Dan il-ħlas lura għandu jsir meta tispiċċa l-komunjoni tal-akkwisti:***

***Iżda l-qorti tista' tawtorizza li kull ħlas lura bħal dan isir, f'data qabel meta l-interessi tal-familja hekk jeħtieġu jew jippermettu."***

L-attrici fin-nota ta' kritika taghha tikkontesta l-konkluzzjoni tal-Perit Legali dwar is-somma ta' flus li skont il-Perit Legali ghandha tinghata lill-konvenut b'sodisfazzjoni tal-pretensjoni tieghu rigward l-assi parafernali tieghu li nefaq fuq mobbli u immobbli li akkwistat il-komunjoni tal-akkwisti.

Il-konvenut pprezenta prospett immarkat bhala Dok.ACZ1[11] fejn jelenka b'dettal u bid-data tal-att relattiv l-ammonti li rceva bhala wirt ta' missieru kif ukoll sehmu mill-profit li l-ahwa B kienu ghamlu minn bejgh ta' flats komuni.

Id-dar matrimonjali St. Francis, Saint Michael Street, San Giljan, inxtrat mill-partijiet in forza ta' kuntratt in atti Nutar Dottor Clyde La Rosa ppubblikat fil-11 ta' Ottubru 1988[12] bil-prezz ta' Lm10,500. Lm3,500 thallsu lill-vendituri mill-kompraturi filwaqt li l-kumplament thallsu permezz ta' self minghand il-Lohombus Corporation. Fl-affidavit tieghu il-konvenut jghid li meta inxtrat id-dar huwa kien hareg is-somma ta' Lm5,000 mill-flus parafernali tieghu. Il-kuntratt jistipula li l-kompraturi hallsu is-somma ta' Lm3,500 bil-kumplament gie minn facilita' ta' self. Presumibilment id-differenza ta' Lm1,500 tirraprezenta spejjez ta' boll, ricerki u spejjez ancillari ohra.

[11] Fol. 89
[12] Fol. 81 – kopja tal-kuntratt.

Inoltre l-attrici tikkontesta dak pretiz mill-konvenut billi tispjega fin-nota ta' kritika taghha illi l-intimat wiret:-

Lm1,495 fis-sena 1981 li nefaq fuq curkett, kamra tal-pranzu u engagement ring;

Lm1,878 fis-sena 1985 li bihom xtara kcina, bajjad id-dar, ta' flus lill-martu ghall-hajja, xtara televizzjoni, kamra tas-sodda u pultruna;

Lm4,950 fis-sena 1987 li bihom ghamel it-twieqi tad-dar, xtara kcina, ghamel il-plumbing u d-dawl tal-kcina, kif ukoll it-twieqi tal-faccata ta' isfel.

L-attrici wkoll issostni li wirtet flus minghand il-genituri taghha u li dawn nefqithom ghall-htigijiet tal-familja fosthom safar in konnessjoni ma' vaganzi li ghamlu barra minn Malta.

L-allegazzjonijiet tal-partijiet dwar il-flejjes parafernali taghhom huma konfliggenti filwaqt li provi konkreti huma skarsi jekk mhux ghat-testimonjanzi tal-istess partijiet.

Il-Qorti ghalhekk ghandha tezamina il-provi li ghandha quddiemha fid-dawl tal-artikolu 1331 fuq citat li jistipula illi parti fiz-zwieg ghandha dritt ghall-flus lura jekk dawn kienu parafernali u "***meta dawk il-flus ikunu ntefqu jew dak l-oġġett ikun intuża dwar dejn jew investiment tal-komunjoni tal-akkwisti.***" Jekk per ezempju jintuzaw biex imorru safra, kif ghamlet l-attrici bil-flus parafernali taghha, jew biex jinxtara l-ikel ghall-familja, allura tali flus parafernali ma humiex rekuperabbli.

Ix-xiri tad-dar huwa indubjament investiment ghaliex il-valur ta' dar normalment jizdied maz-zmien kif jirrizulta li gara fid-dar matrimonjali tal-partijiet illi fi-sena 1988 inxtrat ghall-prezz ta' Lm11,500 filwaqt li l-attrici sostniet fis-sena 2008 illi l-valur taghha kien tela ghal circa Euro.150,000.[13]

[13] Fol. 50 – nota guramentata tal-attrici.

Fir-rigward ta' din il-pretensjoni tal-konvenut ghar-rifuzzjoni tal-ammonti kollha li huwa wiret minghand missieru il-Qorti tirrileva illi l-konvenut ma ressaq l-ebda prova dokumentarja li turi movimenti ta' kapital fil-kontijiet bankarji tieghu biex juri il-perkors tal-flus minn sorsi parafernali ghall-proprjeta' tal-komunjoni.

Mill-banda l-ohra pero' anke l-istess attrici tammetti li flus parafernali tal-konvenut kienu jintefqu fl-interess tal-komunjoni.

L-Onorabbli Qorti tal-Appell kellha okkazzjoni tezamina l-Artikolu 1331 citat fil-kawza "**Irene Mifsud vs Emanuel Mifsud**" deciza fit-30 ta' Lulju 2010. F'dik il-kawza l-attrici appellata kienet qed tippretendi s-somma ta' Lm60,000 li kienet irceviet matul iz-zwieg wara rinunzja ta' inkwilinat parafernali taghha u liema rikavat intuza sabiex fiz-zwieg inxtraw zewg proprjetajiet immobiljari:-

"Issa l-attrici setghet liberament taqbad dan l-ammont u tiddepozitah f'bank f'isimha. Flok ghamlet hekk pero`, dawn il-flus gew utilizzati b'ghaqal sabiex matul il-hajja mizzewga jinxtraw affarijiet u beni utili, kemm mobbli kif ukoll immobbli a beneficcju taghha u ta' zewgha. Huwa minnu li ma hemmx prova dwar jekk effettivament dan l-ammont intefaqx kollu a beneficcju tal-komunjoni, imma wiehed irid daqstant iehor izomm quddiem ghajnejh li bix-xiri ta' immobbli bhal ma hu l-fond numru 20, Triq il-Gogi Swieqi, mixtri fl-24 ta' Frar 2004 u xiri ta' garaxx bin-numru 10 Triq il-Belvedere, Gzira, akkwistat fit-28 ta' Ottubru 1998, li dawn illum jiswew ferm aktar minn meta nxtraw.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha li l-ewwel Qorti kienet gustifikata li tikkonsidra u thalli l-ammont hekk ippercepit shih bhala beni parafernali tal-attrici, u li allura kellu jitnaqqas mill-massa komunitarja. Ix-xhieda moghtija mill-attrici fl-affidavit taghha datat it-2 ta' Frar 2009 …toffri stampa mill-izjed cara ta' kif gew adoperati dawn il-flejjes a beneficcju tat-tnejn. Huwa minnu li in-naha tieghu, permezz ta' affidavit tieghu, il-konvenut jipprova jaghti stampa kemmxejn differenti dwar l-akkwisti immobiljari

dwar mnejn u kif dawn gew iffinanzjati … imma, frankament, ghalkemm certament mhux kollox huwa skorrett jew fittizzju, dak li xehed il-konvenut m'huwiex daqstant affidabbli u kredibbli in konfront ma' dak li xehdet l-attrici taht dan l-aspett."

Mehud in konsiderazzjoni dan l-insenjament, din il-Qorti hi tal-fehma illi ghalkemm jirrizulta li l-konvenut ghandu kreditu kontra l-komunjoni, pero' l-ammont minnu reklamat ma hux kollu dovut in kwantu ma tax spjegazzjoni sodisfacenti ta' kif nefaq ic-cifra ta' l-ekwivalenti ta' Euro.41,651.94

Fic-cirkostanzi din il-Qorti, b'applikazzjoni tar-regola tal-*arbitrio boni viri,* ser takkorda lill-konvenut somma ekwivalenti ghal hamsin fil-mija tas-somma ta' Euro.41,651.94 li kienet stabbilit il-Perit Legali.

**Mobbli**.

Fir-rigward tal-mobbli din il-Qorti qed tadotta l-konkluzzjoniijiet tal-Perit Legali kif imfissra fir-rapport peritali a fol.594 sa fol. 598 hlief ghal dik il-parti fejn tirrakkomanda li curkett tad-djamanti 51 carat li l-konvenut kien xtara lill-attrici ghandu jinghata lit-tifla tal-partijiet. Il-Qorti ma taqbilx ma' tali konkluzzjoni ghaliex it-tifla ma hiex parti f'dawn il-proceduri u m'ghandhiex locus standi fihom. Tordna ghalhekk li dan ic-curkett ghandu jigi kkonsidrat bhala appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk ghandu jinbiegh u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghad-decizzjoni fejn intqal illi ir-rigali li konjugi jaghti lill-konjugi fiz-zwieg jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti sakemm ma jigiex ippruvat il-kuntrarju ("**Dolores Galea vs. Angelo Galea**", Prim' Awla, Qorti Civili, 30 ta' Jannar 1950).

**Vetturi**.

Vettura Hyundai Accent numru AAG-6773 inxtrat fiz-zwieg, ghandha valur ta' circa Euro.500 u l-konvenut wera li kien dispost izommha u jghaddi is-somma ta' Euro.250

lill-attrici bhala kumpens ghal sehemha. Jidher li din l-offerta hija accettabbli ghall-attrici.

**Manteniment**.

Fir-rigward tal-manteniment ghat-tfal dawn illum huma maggorenni. Filwaqt li gie ppruvat li z-zewg subien illum jahdmu, ma tresqet l-ebda prova li t-tifla maggorenni qed tistudja *full-time.* Ghalhekk it-talba fir-rigward ta' manteniment ghat-tfal mhijiex ser tigi akkolta.

Fir-rigward tat-talba tal-partijiet sabiex imantnu lil xulxin, jirrizulta li l-attrici llum ghandha impieg full-time filwaqt li l-konvenut jippercepixxi pensjoni. Tenut kont tal-konkluzzjonijiet fir-rigard tal-htija reciproka ta' ingurji gravi il-Qorti ser tiddikjara li kull parti iddekadiet milli titlob manteniment minghand il-parti l-ohra.

**Kontijiet bankarji**.

Irrizulta li l-konvenut ghandu fuq ismu hames kontijiet bankarji kif ukoll hemm zewg kontijiet bankarji f'isem il-partijiet flimkien mal-HSBC Bank Malta plc. .

Irrizulta wkoll li l-attrici ghandha sitt kontijiet bankarji f'isimha mal-Bank of Valletta plc.

Ma ngabu l-ebda provi li l-ammonti f'dawn il-kontijiet gejjien minn sorsi parafernali u ghalhekk jappartjenu l-komunjoni tal-akkwisti.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza u l-kontro-talba billi:-

1. Tilqa’ parzjalment l-ewwel talba attrici u l-ewwel talba rikonvenzjonali billi tippronunzja l-firda personali bejn il-kontendenti u tiddikjara li ghat-tkissir taz-zwieg taghhom kienu jahtu iz-zewg partijiet f’sehem indaqs bejniethom..

2. Tilqa’ t-tieni talba attrici u tawtorizza lill-partijiet jghixu separatament.

3. Tichad it-tielet talba attrici ghall-manteniment u tichad it-tielet talba rikonvenzjonali ghall-manteniment u tiddikjara li z-zewg partijiet iddekadew milli jitolbu manteniment minghand xulxin.

4. Tichad ir-raba’ talba attrici u r-raba’ talba rikonvenzjonali sabiex jigu applikati d-disposizzjonijiet tal-artkkoli 48, 51, 53 u 55A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Tichad il-hames talba attrici u tilqa’ sitt talba rikonvenzjonali limitatament kif dispost aktar ‘il fuq u tordna li jigu assenjati lill-konvenut bhala mobbli parafernali tieghu l-oggetti li jinsabu fil-lista li tinstab a fol.594 u 595 tal-process u tiddikjara li l-konvenut ghandu kreditu kontra l-komunjoni tal-akkwisti ta’ bejn il-partijiet ammontanti ghas-somma ta’ ghoxrien elf, tmien mija u ghoxrien ewro (Euro.20,820).

6. Tilqa’ s-sitt talba attrici u l-hames talba rikonvenzjonali billi xxolji l-komunjoni tal-akkwisti sa issa ezistenti bejn il-partijiet;

Tiddikjara li din kienet tikkonsisti (a) fid-dar matrimonjali St. Francis, St Michael Street, San Giljan; (b) l-effetti mobbli komuni elenkati fil-listi minn fol.596 sa fol 598 tal-process; (c) id-depoziti bankarji (d) il-gojellerija sew tar-ragel kif ukoll tal-mara;

Tiddisponi minn dawn l-assi bil-mod segwenti:-

1. Id-dar matrimonjali “St Francis”, St Michael Street, San Giljan, ghandha tinbiegh fi zmien sena millum. F’dan il-perijodu l-konvenut qed jinghata d-dritt tal-uzu ta’

dan l-immobbli sabiex ikollu zmien isib sistemazzjoni alternattiv. Il-partijiet huma liberi li bi ftehim ibieghu id-dar matrimonjali fis-suq liberu qabel l-iskadenza tas-sena ismemmija. Jekk zmien sena millum il-fond ma jkunx ghadu inbiegh, jinbiegh bl-irkant taht l-awtorita' tal-Qorti bil-valur li jigi stmat mill-Perit Arkitett Alan Saliba li qed tinnomina ghal dan il-ghan bi spejjez taz-zewg partijiet indaqs, sakemm il-partijiet b'nota kongunta ma jkunux ftehmu dwar il-valur tal-istess. Matul dan il-perijodu ta' sena u sakemm tinbiegh, il-proprjeta' tad-dar tibqa' in komun pero' l-ebda parti ma tkun tista' titrasferixxi sehemha taht kwalunkwe titolu. Matul din is-sena l-konvenut huwa projbit milli jhalli terzi mhux membri tal-familja juzaw il-fond imsemmi filwaqt li ghandu jhallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma sakemm jibqa' hekk jirrisjedi. Mal-iskadenza tas-sena l-konvenut ghandu jizgombra mid-dar. Wara li l-post jispicca battal u sakemm jinbiegh, il-kontijiet ta' dawl u ilma jithallsu miz-zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom.

2. L-effetti mobbli kollha elenkati fil-listi minn fol. 596 sal fol 598 tal-process ghandhom jigu valutati u l-partijiet jistghu jaghzlu li jiddividuhom bonarjament. Jekk dan ma jsehhx zmien sena millum allura il-Qorti qed tordna l-bejgh taghhom bl-irkant u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

3. Kwalsiasi depozitu jew investiment bankarju, kif ukoll investimenti jew ishma, ghandhom jigu divizi ugwalment bejn il-partijiet.

4. Ir-rikavat mill-bejgh tal-fond matrimonjali ghandu jigi diviz billi l-ewwel jithallas kwalunkwe dejn li jista' jkun ghad hemm jaggrava din il-proprjeta'; sussegwentement tithallas is-somma ta' ghoxrien elf, tmien mija u ghoxrien ewro (Euro.20,820) lill-konvenut, il-bilanc jinqasam bejn il-partijiet f'sehem indaqs bejniethom.

5. Finalment, l-attrici resqet it-talba sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha.[14] Il-Qorti, wara li rat l-

[14] Ara rikors ipprezentat fit-8 ta' Lulju 2013.

artikolu 62 (1) tal-Kap. 16 tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha.

Bl-ispejjez tal-kawza jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------